MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2112/2002

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Edward Grima Baldacchino**

**Vs**

**Joseph Borg**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' rizarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' Lm455.57 (erba' mija hamsa u hamsin liri u sebgha u hamsin centezmi) rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh fil-Mellieha nhar il-25 ta' Awissu, 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura JOE 279 habat mall-vettura EGB 001 misjuqa minn Edward Grima Bladacchino, ghal liema incident l-konvenut kien

unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentantata mal-avviz tat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta‘ Malta bl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt uf id-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort ta’ Edward Grima Baldacchino, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda w ezamina id-dokumenti

Ikkonsidra

Illi l-kollizzjoni saret fit-tarf nett tac-centre strip li taqsam it-triq tal-Ghadira sat-telgha ghall-Armier. L-assigurat tal-attur jallega li l-konvenut kiser mill-karreggjata tax-xellug ghal dik tal-lemin - fejn kien hu biex skond idur l-isfel. Da parti tieghu, il-konvenut kif suffragat mix-xhud Keith Grech - jallega li kien ilu jsuq fil-karreggjata ta' barra. Ried imur jipparkja hdejn il-Costa del Sol u hekk kif ser jibda jdur gie milqut mill-vettura ta' warajh.

Versjoni opposta ghall ohra zgur ma tistax tkun. Pero' iz-zewg versjonijiet huma verosimili. Jirrizulta li kien hemm xhud li kien fil-vettura tal-konvenut - pero' ancorche' kien mieghu, ma kienx xhud illuminanti.

Illi t-Tribunal ikollu jirrikorri ghall-applikazzjoni tal-principju tal-ekwita sabiex jasal ghal konkluzjoni li r-responsabbilta ghandha tigi spartite f' proporzjoni ugwali bejn iz-zewg

sewwieqa. L-assigurat tal-attur naqas li jzomm distanza bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghal kull eventwalita, u b' hekk ma zammx 'a proper look out' ghal dak li qed jissucciedi quddiemhu. Da parti tieghu il-konvenut naqas li jaghti pre-avviz ragjonevoli lil vetturi ta' warajh - di fatti stqarr li lanqas biss hares lura - li kien ser jibdel id-direzzjoni tieghu.

Dwar danni, dawn ma gewx kontestati u qed jigu accettati kwantu ghal nofs is-somma, hlief ghall-excess li gia huwa inkluz fis-somma.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jsib lil konvenut responsabbli fi grad ta' hamsin fil-mija (50%) daqs l-assigurat tal-attur, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' mitejn u hmistax il-Lira Maltin u disa' u ghoxrin centezmu (Lm215.29) in linea ta' danni bl-interessi mid-data tal-prezentata.

Relattivament ghal kap tal-ispejjes, danna ghandhu jigi soffert ugwalment bejn il-parijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------